.

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Frar, 2002**

**Numru 16**

**Cit. Nru. 1059/00(F1) GCD**

**Carmelo, Emanuel, Spiridione, Anthony u Giljan, ilkoll ahwa Busuttil**

**Vs**

**Angelo Zahra, kif ukoll is-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi, wara li qalu:

Illi b'konvenju datat 8 ta' Lulju, 1989, l-atturi kienu ppromettew u obbligaw ruhhom li jixtru u jakkwistaw minghand il-konvenuti li ppromettew u obbligaw ruhhom solidalment bejniethom li jbieghu u jittrasferixxu lill-atturi sitta u ghoxrin plot fil-kuntrada tal-Qattus, Hal-Ghaxaq, enumerati fl-istess

konvenju bhala plot 6 sa plot 30 inkluzi z-zewg numri tal-kejl kull plot ta' tlett qasab faccata, bil-prezz ta' hamsa u sittin elf lira (Lm65,000) li minnhom l-atturi hallsu sitt elef lira (Lm6,000) bhala depozitu akkont fuq il-konvenju;

Illi l-atturi kienu ntavolaw citazzjoni kontra l-konvenuti biex jirrendu l-konvenju ezegwibbli izda l-istanza kienet giet deciza kontra l-atturi;

Illi, billi l-konvenju skada u m'ghadux ezegwibbli l-atturi ghandhom dritt jitolbu r-rifuzjoni tad-depozitu li kien gie imhallas akkont tal-prezz u cioe` sitt elef lira Maltin (Lm6,000);

Illi l-konvenuti dejjem talbu z-zmien biex ihallsu lura d-depozitu akkont tal-prezz bil-pretiza li huma ghamlu kawza kontra terzi rigward l-istess plots, u li kienu ser ihallsu kif tigi deciza dik il-kawza, izda l-atturi ma jridux jikkoncedu aktar zmien;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-artiklu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi dan id-dejn huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma ta' l-atturi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talba taghhom;

Talbu illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12;

2. tikkundanna lill-konvenuti, solidalment bejniethom, ihallsu lill-atturi s-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000) rapprezentanti d-depozitu akkont tal-prezz li l-atturi kienu hallsu lill-esponenti a tenur ta' l-istess konvenju.

Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv mid-data ta' l-iskadenza tal-konvenju sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Carmelo Busuttil u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut Angelo Zahra baqa' ma deherx.

Rat ukoll in-nota tallum li biha l-atturi cedew it-talba safejn maghmula kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat illi sar hlas akkont ta' tlett elef lira (Lm3,000).

Billi għalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tingħata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni kontra l-konvenut Angelo Zahra, bl-ispejjez, izda bi tnaqqis ta' Lm3,000 imhallsa akkont.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm